MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 970/2005

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Oleh Bratko I.D. AC943803**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 8 ta' Frar 2002 (Dok "A''), in atti Nutar Dottor Joseph Tabone, is-socjeta' attrici kkoncediet facilita' bankarja lill-konvenut Oleh Bratko;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Oleh Bratko fis-somma ta' sitta u hamsin elf, seba' mija u hmistax-il Liri Maltin u tliieta u erbghin centezmu (Lm56,715.43) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account'' ta' Oleh Bratko mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B'') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 t' Awissu 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament;

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 8 ta' Frar, 2002 fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A'') partikolarment, izda mhux esklussivament, billi l-konvenut Oleh Bratko (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopra indikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Oleh Bratko li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U premess illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru, 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ''C'', sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A'') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Oleh Bratko (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Oleh Bratko li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Oleh Bratko ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u hamsin elf, seba’ mija u hmistax-il Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm56,715.43) bilanc ghad-debitu fil-‘’Loan Account’’ ta’ Oleh Bratko mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B’’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Awissu 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Settembru 2004 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid u li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-P.L. Joseph Zammit;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------